TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONJI NRU. 1730

KAZ NRU. 2334

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Anthony Gauci

u

Maltapost p.l.c.

dwar tkeccija mill-impieg

allegata li hi ngusta.

Data : 16 ta' Ottubru 2006

Chairman : Is-Sur George Borg Cardona

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'rikors prezentat fid-29 ta' Novembru 2005.

It-Tribunal zamm 7 seduti.

Anthony Gauci, aktar il-quddiem jissejjah l-"appellant" kien assistit mill-Avukat Ray Zammit u S-Sur Charles Spiteri tal-UHM u Maltapost p.l.c., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija" kienet rapprezentata mis-Sinjuri Joseph Gafa u Stefania Camilleri assistiti mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz l-appellant qal li l-incident li kellu fuq il-post tax-xoghol ma kellux iwassal ghal tkeccija ghaliex hu ma kellux tort billi kien is-Senior Administrator li pprovoka l-incident meta hu talab li jibdel il-post tax-xoghol ghax ma kienx ihossu f'siktu. Kien qed ibati minn ghejja u kien taht il-kura tat-tabib.

Il-Kumpanija qalet li l-appellant tkecca meta, wara process dixxiplinarju skond il-Ftehim Kollettiv, nstab hati ta' vjolenza fuq il-post tax-xoghol. Kien inata struzzjonijiet mis-Superjur dirett tieghu li wera li ma qabilx maghhom u tah daqqa ta' ponn go wiccu.

Mix-xhieda u mid-dokumenti jirrezulta li dak in-nhar ta' l-incident :

1. Is-Senior Administrator innota li l-appellant kien ghamel ftit ferm xoghol ta' "sorting" u hafna anqas minn dak mistenni. Qallu li kien jehtieg li jzid l-ammont ta' xoghol ;
2. Meta is-Senior Administrator caqlaq xi nies minn xoghol ta' "sorting" ghal dak ta' "facing", l-appellant qabad u qam minn postu u mar fejn kien qieghed isir "facing" waqt li qal lis-Superjur tieghu, fi kliem dan, "la inti qed tghid li jiena minix tajjeb ghas-"sorting" ha nintefa naghmel il-"facing" ;
3. Is-Superjur tieghu qallu biex iqum minn hemm u jerga' jmur f'postu ghax kien hu li jiddeciedi fejn ghandhom jahdmu l-impjegati ;
4. L-appellant irreagixxa billi qam minn postu, mar fuqu u tah daqqa fuq wiccu tant li tajjarlu n-nuccali u ghamillu griehi f'wiccu.

L-appellant qal li dak in-nhar ma kienx f'siktu u bhala attenwanti ghall-agir tieghu pproduca tlett certifikati medici izda kollha datati wara li sehh l-incident. Ma jirrezultax li qatt informa lill-Kumpanija b'xi problemi medici jew ipprezenta xi certifikati qabel sehh l-incident.

L-appellant ikkontenda li kienet saret diskriminazzjoni fil-kaz tieghu ghaliex f'kas simili, fejn impjegat aggredixxa superjur, il-kumpanija ma hadetx passi dixxiplinarji u ma tterminatx l-impieg tal-persuna koncernata.

Dwar il-punt numru 4. hemm xi xhieda konflingenti. Ix-xhieda principali, u li raw l-incident kollu, kkonfermaw li l-appellant ta' daqqa fuq wicc is-Superjur tieghu. Ohrajn, li xehedu li ma rawx l-appellant jati daqqa, mhumiex tant kredibbli ghaliex jew qalu li ma rawx l-incident kollu jew ix-xhieda taghhom ma taqbilx ma l-istatement li ffirmaw jew kellhom kontradizzjonijiet fix-xhieda jew ma kienux certi minn dak li raw. It-Tribunal kellu jaccetta x-xhieda ta dawk li raw l-incident kollu, kienu konsistenti f'dak li xehedu u cari u zguri minn dak li raw.

Dwar l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni jirrizulta li l-kaz li rrefera ghalih l-appellant qatt ma ngieb ghal konjizzjoni tal-*Management* u ghalhekk ma setghu jittiehdu ebda passi dixxiplinarji. Fuq kollox il-kompitu tat-Tribunal hu li jezamina jekk kienx hemm raguni valida ghat-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant.

It-Tribunal jinnota li l-appellant, fir-rikors tieghu, talab rimedji, nkluz id-dhul lura fis-servizz, waqt li tlett gimghat wara l-incident pprezenta certifikat ta' specjalista li jiddikjara " ...... is suffering from Generalised Anxiety Disorder causally related to strains and stresses stemming from a whole string of adverse life situations." u wkoll li "It is my considered opinion that Mr Gauci is not fit for further employment".

Wara li qies is-sottomissjonijiet tal-partijiet u kkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal isib li ma ngiebux ragunijiet validi biex ivarja d-decizjoni tal-Kumpanija li tittermina l-impieg ta' l-appellant. Din ittiehdet wara li saru l-proceduri kollha stipulati fil-Ftehim Kollettiv u l-appellant inata kull opportunita xierqa biex jiddefendi ruhu.

It-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija kellha raguni tajba u sufficienti skond il-ligi biex tittermina l-impieg ta' l-appellant.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba limitazzjoni ta' facilitajiet u nuqqasijiet amministrattivi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' Lm 40 (erbghin lira).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

George Borg Cardona
Chairman

Mary Rose Galea
Segretarja.